KULLEĠĠ SAN BENEDITTU
Boys' Secondary, Kirkop

Mark

EŻAMI TA' NOFS IS-SENA – 2012/13

ROTTA 3

IT-TIELET SENA	STORJA ĠENERALI	ĦIN: siegħa u nofs

Isem u Kunjom : ______________________________ **Klassi:** ______________

Taqsima A : Ħares sewwa lejn dan is-sors u wara wieġeb il-mistoqsijiet .

(15 marki)



1. Agħti raġuni waħda għala l-Kavallieri bnew il-Belt Valletta. (1)

____

____

2. X'kien jisimha l-għolja li fuqha nbniet il-Belt Valletta? (1)

____

3. X'kienet ir- raġuni prinċipali għala l-Belt Valletta nbniet fuq din għolja? (1)

____

4. Fejn kienu joqgħodu l-Kavallieri qabel marru joqgħodu l-Belt Valletta? (1)

____

5. Il-portijiet ta' madwar il-Belt Valletta kienu msaħħa b'diversi fortifikazzjonijiet. Ħares sew lejn Sors A. X'jisimhom il-fortifikazzjonijiet li huma mmarkati bl-ittri A, B, Ċ, D, E u F? (6)

Forti A ________________ Forti B ________________ Forti Ċ ________________

Forti D ________________ Forti E ________________ Forti F ________________

6. Liema minn dawn il-fortifikazzjonijiet ma nbnietx mill-Kavallieri żda kienet ilha mibnija minn ħafna snin qabel? (1)

____

7. Ħares sew lejn Sors B. Dan ir-ritratt qed jurina post fil-Belt Valletta n-naħa tal-port ta' Marsamxett magħruf bħala l-Mandraġġ.

a. Kif oriġina dan il-post? X'kien il-ħsieb tal-Kavallieri? (2)

____

____

b. Min kien joqgħod f'dan il-post fi żmien il-Kavallieri u x'tip ta' kundizzjonijiet kellhom? (2)

____

____

<u>Taqsima B</u> : Aqta sing taħt it-tweġiba t-tajba. **(10 marki)**

1. Il-Kastellanija kienet (il-pixkerija, il-berġa, il-qorti) tal-Kavallieri.
2. Is-saqaf tal-Konkatidral ta' San Ġwann ġie mpitter minn (Ġilormu Cassar, Mattia Preti, Ġiuseppe Mazzuoli)
3. (Monte di Pietà, Sacra Infermeria, L-Universita tal-Qamħ) kienet tgħin il-foqra jfittxu l-għajnuna fid-diffikultajiet finanzjarji.
4. Għall-ewwel bosta bini fil-Belt Valletta tela' fuq stil (Barokk, Medjevali, Rinaxximentali). Iktar tard intuża l-istil (Barokk, Medjevali, Rinaxximentali).
5. Ħafna Maltin bdew imorru joqgħodu l-Belt u fl-ibliet tal-madwar għaliex hemm kienu jsibu (x-xogħol, il-knejjes, l-isptar).
6. (Il-Manderaġġio, Il-Collachio, Il-Kastellanija) kien post fejn il-Kavallieri kienu jdaħħlu x-xwieni f'każ ta' assedju.
7. Fost il-bini tal-Kavallieri nsibu l-palazz (Verdala, Maġisterjali, Vilhena) ġewwa l-Buskett.
8. Il-Granmastru De Paule bena wkoll il-Palazz (Falson, ta' Sant'Anton, tal-Inkwiżitur) li jinsab ġewwa Ħ'Attard. Illum dan il-palazz huwa r-residenza uffiċjali tal-President ta' Malta.
9. Wara terremot kbir li seħħ fuq il-gżejjer Maltin, il-Granmastru De Vilhena qabbad lill-perit Franċiż Mondion biex jagħmel id-disinji tiegħu għar-restawr tal-(Belt Valletta, Birgu, Mdina).

<u>Taqsima Ċ</u> : Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet .

(10 marki)

1. X'inhu l-bini li jidher f'sors A ? Għal xhix kien jintuża dan il-bini? (1)

2. Ġewwa dan il-bini nsibu diversi teżori. Semmi wieħed minn dawn it-teżori. (1)

3. X'inhu l-użu ta' dan il-bini llum-il ġurnata? (1)

4. X'inhu l-bini li jidher f'sors B? (1)

5. Min għamel il-pjanta ta' dan il-bini? (1)

6. Fost it-teżori tal-arti li ħallewlna l-Kavallieri nsibu l-Qtugħ ta' Ras ta' San Ġwann. Min kien l-artist li għamel din il-pittura? (1)



7. Sors Ċ juri l-bini tas-Sacra Infermeria. X'kien l-użu ta' dan il-bini? (1)

8. Sors D jurina l-berġa ta' Kastilja. X'kien l-użu tal-bereġ fi żmien il-Kavallieri? (1)

9. Għall-ewwel il-faċċata ta' din il-Berġa kienet lixxa. Il-Granmastru Pinto żejjen il-faċċata bil-lavur li nistgħu naraw illum. X'jissejjaħ l-istil li fuqu ġiet imżejna il-faċċata tal-Berġa ta' Kastilja fi żmien Pinto? (1)

10. X'inhu l-użu ta' Sors D illum –il ġurnata? (1)

Taqsima D : **Imla l-vojt bi kliem li joqgħod dwar il-fortifikazzjonijiet.**

(15 –il marka)



Mal-wasla tagħhom f'Malta l-Ordni ta' San Ġwann sabu li l-unika forti tajba li kien hawn fuq il-gżejjer Maltin kienet il-Forti ______________ fit-tarf tal-peniżola tal-Birgu. Għalhekk matul il-medda tas-snin, l-Ordni ta' San Ġwann bnew diversi fortifikazzjonijiet biex jipproteġu lill-gżejjer Maltin. Fi żmien il-Granmastru Lascaris beda l-proġett biex tiġi mħarsa Bormla. Dan il-proġett kien jinvolvi l-bini ta' linji difensivi msejjħa _______________________. Wara l-Granmastru Nikola Cottoner iddeċieda li jestendi s-swar iktar 'il barra u għalhekk l-inġinier Valperga iddisinja l-bini tas-swar imsejjħa l-______________________ li jagħlqu fihom l-Isla, Bormla u l-______________.

Fi żmien il-Granmastru De Paule inħasset il-ħtieġa li l-Belt Valletta tiġi protetta wkoll mill-art. Għalhekk De Paule iddeċieda li jwassal il-fortifikazzjonijiet sa fejn illum hemm Bieb ____________ fil-Furjana. Il-Furjana hija s-___________ tal-Belt Valletta. Iktar tard il-Granmastru De Vilhena ħa ħsieb li jsebbaħ il-Furjana. Fil-fatt il-Furjana għada magħrufa sal-lum bħalha _______________.

Biex titħares il-Belt Valletta min-naħa tal-Port ta' Marsamxett, il-Granmastru De Vilhena ħa ħsieb li tittella forti fuq il-gżira ______________ u ftit wara nbniet forti ___________________ fil-ponta ta' Dragut.

Meta l-Kavallieri raw li l-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett kienu sodi biżżejjed, tefgħu għajnejhom fuq il-kumplament tal-gżejjer Maltin. Il-Granmastru _________________ bena diversi torrijiet fil-bajjiet prinċipali fosthom it-torri ___________________ fil-bajja ta' Marsaxlokk. Din il-forti llum tintuża bħalha ċ-ċentru tal-___________________________. Biex il-gżejjer Maltin jkunu aktar imħarsa, l-Granmastru De Redin bena 13 –il ___________ tal-għassa madwar il-kosta.

F'każ ta xi attakk fuq Għawdex in-nies kienu jistkennu ġewwa ________________. Biex ikomplu jipproteġu Għawdex il-Kavallieri ħadu ħsieb li jipproteġu l-port tal-Imġarr permezz tal-Forti _____________ u l-Fortizza Garzes.

Taqsima E : Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet .

(20 marka)

1. Semmi tliet karatteristiċi prinċipali tal-irħula Maltin u Għawdxin.

____

____

____(3)

2. Ħares sew lejn sors B. Semmi żewġ karatteristiċi reliġjużi tal-irħula Maltin li jidhru f'dan is-sors.

____

____(2)

3. X'informazzjoni jagħtuna dawn il-fdalijiet storiċi fuq il-Maltin ta'qabilna?

____

____(1)



4. Sors Ċ jurina l-Għajn tal-Ħasselin li kont issibu f'diversi bliet u rħula Maltin u Għawdxin. Għal xhix kien jintuża dan is-sors?

____

____

____(2)

5. Lejn l-aħħar 50 sena tal-ħakma tal-Kavallieri daħlet id-drawwa li l- Granmastri jgħatu xi Titlu li xi raħal partikolari. Fost dawn l-irħula nsibu Ħal-Qormi u Ħaż-Żebbug. X'kien it-titlu li ingħata lil dawn iż-żewġt irħula? (2)

Ħal-Qormi : ______________________________

Ħaz-Żebbuġ: ______________________________

6. **Mil-lista t'hawn taħt ta' għażel ir-risposti t-tajbin għall-mistoqsijiet li ġejjin** (7)

Birgu, Mqabba, Mdina, Rabat, Ta'Xbiex, Qrendi, Bir Miftuħ,
Birżebbuġa, Ħal-Millieri, Xlendi

- Żewgt ibliet imdawrin bis-swar: ______________________ u ___________________________
- Żewgt irħula li fihom nsibu sqaqien u toroq imserpin: _________________ u ________________
- Żewgt irħula li llum m'għadhomx jgħixu nies fihom ____________________ u ______________
- Subborg taċ-Ċittadella Għawdex ______________________

7. Huwa mportanti ħafna li l-karatteristiċi tal-irħula Maltin jiġu kkonservati. Fl-opinjoni tiegħek x' jista' jsir biex dawn il-wirt storiku jigi priservat?

____

____

____(3)

<u>Taqsima F</u>: Ikteb jekk hux VERU jew FALZ *(10 x ½ = 5 marki)*

1.	Fi żmien il-Kavallieri (1530 – 1798) l-popolazzjoni tal-gżejjer Maltin naqset.	
2.	In-nisa Maltin minn dejjem kienu jaħdmu barra mid-dar.	
3.	Id-dota kienet iċ-ċerimonja taż-żwieġ.	
4.	Il-bandu kienet żifna tradizzjonali tal-Maltin.	
5.	Il-Ġiżwiti taw spinta lit-tagħlim f'Malta	
6.	Fondazzjoni Wirt Artna hija aġenzija tal-Gvern li tagħmel proġetti ta' restawr	
7.	Kelma oħra flok konservazzjoni hija preservazzjoni.	
8.	Il-Kavallieri kienu jiċċelebraw bil-kbir il-festa tal-Imnarja.	
9.	Il-Monte della Redenzione kienet toffri għajnuna biex jinfdew l-iskjavi.	
10.	Mikiel Anton Vassali huwa magħruf bħala Missier l-Ilsien Malti.	

Taqsima Ġ: Aqra sew din is-silta u ara sew dawn is-sors u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

(10 marki)



Sors B

Il-missjoni prinċipali ta' l-Ordni kienet li tiddefendi l-Mediterran mill-avvanzi tal-Musulmana. Allura l-missjoni tal-Ordni tal-Kavallieri kienet marbuta prinċipalment mal-baħar. Għal dan l-iskop l-Ordni kienet iżżomm flotta żgħira li tikber u tiċkien skond il-biża' ta' gwerra kemm kien ikun kbir.

1. Ħares sew lejn sors A. Ta' liema qawwa kien il-ġifen li jidher f'dan is-sors? Min xhiex indunajt b'dan? (2)

2. Kif kien jimxi dan ix-xini? (1)

3. Sors B jispjegalna r-raġuni prinċipali għala l-Ordni ta' San Ġwann kienu jżommu flotta. X'kienet din ir-raġuni? (1)

4. Semmi żewġ ħaddiema li kont issib jagħmlu xi xogħol fuq xi xini tal-Ordni. Spjega fi ftit kliem fhix kien jikkonsisti x-xogħol tagħhom. (2)

5. Ħafna Maltin kienu jaħdmu wkoll fl-industrija tas-sibi. Spjega fi ftit kliem x'kien is-sibi. (2)

6. L-industrija tas-sibi kienet tgħin lill-ekonomija Maltija. Kif kienet tgħin lill-ekonomija? (2)

Taqsima G : Ikteb komponiment fuq WAĦDA minn dawn li ġejjin.

(15 il-marka)

1. Qabbel il-modi ta' kif kienu jqattgħu l-ħin liberu tagħhom il-Maltin fi żmien il-ħakma tal-Kavallieri ma' kif jgħadduh illum. Sib mill-inqas żewġ differenzi u żewġ modi simili.

2. Minbarra l-bini tal-Belt Valletta, l-Kavallieri ħallewlna wirt storiku ieħor fl-ibliet oħra madwar il-gżejjer Maltin. Semmi fdalijiet ta' bini ta' żmien il-Kavallieri li jinsabu barra l-Belt Valletta. Spjega x'kien l-użu tagħhom fi żmien il-Kavallieri u x'inhu l-użu tagħhom illum.

<u>**Skema tal-Marki - It-tielet sena - Rotta 3**</u>

Taqsima A

1. biex tiddefendi l-portijiet li kienu ċ-ċavetta tal-gżejjer / biex ma nibqgħux niddependu minn Sqallija / biex ikollna belt rinaxximentali ġdida
2. L-għolja Xebb ir-Ras
3. Peninżula bejn iż-żewġ portijiet prinċipali ta' Malta
4. Birgu
5. Forti A - Sant'Jiermu
   Forti B - Ricasoli
   Forti C - Sant'Anġlu
   Forti D - San Mikiel
   Forti E - Manoel
   Forti F - Tigné
6. Forti Sant'Anġlu

7a. Il-ġebel tal-bini għad-djar fil-Belt Valletta kellu jinqata' minn dan il-post. B'hekk kellha titħaffer menqa li toffri kenn lix-xwieni tal-Ordni.

7b. Il-fqar kienu joqgħodu f'dan il-post f'kundizzjonijiet iġjenici mill-agħar.

Taqsima B

1. Qorti
2. Mattia Preti
3. Monte di Pietà
4. Rinaxximentali - Barokk
5. x-xogħol
6. Il-manderaggio
7. Verdala
8. Sant'Anton
9. Mdina

Taqsima C

1. Sors A juri l-Palazz tal-Granmastri. Bħalha residenza tal-Granmastru
2. l-arloġġ tal-Mori / l'arazzi / l'armerija
3. Jiltaqà l-parlament / l'uffiċċju tal-President
4. Il-KonKatridral ta' San Ġwann

5. Ġilormu Cassar
6. Caravaggio
7. Sptar
8. Residenza għall-kavallieri speċjalment żgħażagħ
9. Barokk
10. L-uffiċċju tal-Prim Ministru

Taqsima D

1. Sant. Anġlu
2. Margherita Lines / Firenzuola Lines
3. Cottonera Lines
4. Birgu
5. il-Bombi
6. subborg
7. Citta Vilhena
8. Manoel
9. Tigné
10. San Luċjan
11. akkwakultura
12. De Redin
13. torri
14. ċ-ċittadella
15. Chambray

Taqsima E

1. knisja, zuntier, misraħ, statwi, niċeċ, toroq dojoq, sqaqin
2. salib tad-dejma u statwa
3. Kellhom devozzjoni kbira lejn ir-reliġjon Kattolika
4. Jiltaqgħu n-nisa biex jgħamlu l-ħasla
5. Città Pinto
   Città De Rohan
6. Birgu u Mdina
   Qrendi u Mqabba
   Ħal Millieri u Bir Miftuħ
   Rabat
7. Ma jsirx vandaliżmu
   Jinżammu nodfa

Taqsima F

1. Falz
2. Falz
3. Falz
4. Falz
5. Veru
6. Falz
7. Veru
8. Veru
9. Veru
10. Veru

Taqsima Ġ

1. Tal-Ordni ta' San Ġwann - fuq il-qlugħ hemm is-salib tal-Kavallieri u anke bnadar bis-salib tal-Kavallieri
2. Bil-qaddiefa
3. Il-Kavallieri kienu protetturi tar-Reliġjon Kattolika u għalhekk kienu jiġġieldu battalji kontra il-Musulmani
4. Kurdara - jagħmlu l-ħbula

   Qlafat - kien jimla l-fili ta' bejn l-injam bil-qatran u bl-istoppa

   Tal-qlugħ - jagħmel il-qlugħ mill-qoton
5. Is-sibi kien serq legali minn fuq il-baħar. Biex toħroġ għas-sibi ried ikollok liċenzja u stajt tattakka biss xwieni tal-musulmani.

Tasqima G

Għad-diskrezzjoni tal-għalliem/a